MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 324/2006

**Simon Balzan [ID 348164M]**

**vs**

**Gopal u Anusuya konjugi Chander**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta' l-attur ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sitt mija u zewg liri Maltin (Lm2,602.00), naxxenti mill-ftehim ta' bejn il-partijiet datat 5 ta' aWissu 1997, kopja annessa u mmarkata bl-ittra A, liema ammont huwa spjegat fil-prospett aness u mmarkat fl-ittra B.

Bl-imghax mid-data ta' kull skadenza u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 4 ta' Mejju 2006, ta' l-ittra legali tad-19 ta' Ottubru 2006, kif ukoll tal Mandat ta' Sekwestru u ta' l-ittri pprezentati kontestwalment mar-

rikors f'idejn il-banek, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-27 ta' Novembru, 2006 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------